MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2015

Numru. 590/2010

**Il-Pulizija**

**Spettur Jurgen Vella**

**vs**

**David Norbert Schembri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ David Norbert Schembri ta’ 34 sena, bin Anthony u Evelyn nee’ Micallef, imwieled Pieta fil-15 ta’ Settembru, 1975 residenti Facilita Korrettiva ta’ Kordin u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 369676M).

Akkuzat talli fl-1 ta' Gunju, 2010, ghall-habta ta' xi 9:10am waqt li kien hdejn l-M.I Room tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Noel Borg miz-Zejtun f' periklu car, ikkaguna ferita gravi fil-gisem jew fis-sahha ta' l-istess Noel Borg, skond kif iccertifikaw Dr G. Bonnici MD, Reg. 3214 u Dr. D. Pirotta M.D. Reg. 3146 ta' l-isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-artikolu 214 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew gab difett permanenti f' parti tal-ghamla tal-gisem (ghajnejn ix-xellugija) tal-istess Noel Borg u dan bi ksur tal-artikoli 217 u 218 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi zamm ghandu sikkina ta' kull xorta li tkun b' xafra, bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-artikolu 13(1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas l-gieh ta' Noel Borg weggghu bi kliem, b' gesti jew b' mod iehor u dan bi ksur ta' l-artikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-imsemmi Noel Borg sabiex jinsulentah, iweggghu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qabad strument li jaqta' u bil-ponta (xafra) kontra Noel Borg u dan bi ksur tal-artikolu 339(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-kliem insulenta u hedded lil Noel Borg u dan bi ksur tal-artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli b' hekk titqies recidiv b' diversi sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tapplika id-dispozizzjonijiet tal-Art 33a tal-Kap 9.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Noel Borg u l-familjari tieghu u tapplika l-provvedimenti ta' Art. 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 24 ta' Gunju, 2011, (esebita a fol. 189 tal-process fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub;

a) Fl-artikoli 214, 215, 217 u 218 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 13(1) tal-Kapitlu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Fl-artikoli 252(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d) Fl-artikoli 18, 338(bb), 338(ff) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

e) Fl-artikolu 338(dd), 339(d), 339(b), 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

f) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

g) Fl-artikoli 383 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

h) Fl-artikolu 17, 30, 31 u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-10 t’ Ottubru, 2013 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz jirrigwardaw feriment ta’ detenut gewwa l-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin li sehh fl-1 ta’ Gunju 2010. Mill-istharrig li ghamlu l-Pulizija rrizulta li d-detenut Noel Borg kellu argument mal-imputat xi gimgha qabel fejn hassu offiz bi kliem li l-imputat qallu kontra missieru li kien mejjet. Wara dan l-incident iz-zewg detenuti li qabel kellhom celel fejn xulxin gew mpoggija f’ divisions differenti. Fil-jum in dizamina, u cioe’ fl-1 ta’ Gunju 2010 l-imputat u Noel Borg iltaqghu hdejn l-MI Room fejn inqala’ l-incident fejn Noel Borg sofra griehi f’ wiccu u f’ ghajnejh b’

zewg daqqiet ta’ xafra. Mill-investigazzjoni tal-Pulizija rrizulta li l-imputat dakinhar kellu xafra fuqu liema xafra nstabet fuq il-persuan tieghu mill-membri tal-SRT. L-imputat gie arrestat u ttiehditlu stqarrija (esebita a fol 25) fejn huwa qal ill-Pulizija li wara l-ewwel incident li nqala’ bejnu u Borg xi hadd qallu li Noel Borg kien sejjer ipattihielu u ghalhekk ma kienx qed ihossu komdu meta jmur jiehu l-methadone minhabba li seta’ jiltaqa’ ma’ Borg u mar armat sabiex jaghti l-ewwel daqqa hu. Fl-istess stqarrija l-imputat sostna li fil-fatt huwa kien qala’ daqqa ta’ sikkina minghand Noel Borg xi gimgha qabel l-1 ta’ Gunju u indika li dan tal-ahhar kellu sikkina mohbija fic-cella liema sikkina effettivament instabet fic-cella li precedentement kien jokkupa Borg. F’dawn il-proceduri gew esebiti zewg certifikati medici rigwardanti l-griehi sofferti minn Noel Borg (Dok AG 1[1] u 2) minn fejn jirrizulta li Noel Borg kellu zewg lacerazzjonijiet wahda fuq in-naha t’isfel tal-ghajn u feriti ohra fil-cornea

Il-vittma Noel Borg xehed waqt l-udjenza tad-29 ta’ Settembru 2010 fejn spjega li fl-ahhar ta’ Mejju 2010 kien mar biex jiehu l-mistura fl-MI room tal-Habs u wara mar fil-bitha fejn iltaqa’ mal-imputat u dan tal-ahhar beda’ jaqbad mieghu u meta huwa qallu sabiex ihallih bi kwietu l-imputat beda’ joffendih b’missieru li kien jaf li huwa mejjet. Dejjem skond ix-xhud huma mbaghad kellhom xi jghidu bl-idejn u ntervjenew tal-SRT sabiex jifirduhom. Noel Borg qal ukoll li wara dan l-incident kienu nehhewh mid-Division fejn kien l-imputat. Ix-xhud kompla jispjega li fl-1 ta’ Gunju 2010 huwa mar ghal methadone fl-MI Room u sab lill-imputat qablu u meta dahal warajh u wasal mal-bieb tal-hadid l-imputat hareg idu li waslet kwazi m’ghajnejh u laqtu f’ghajnejh b’xafra li kellu f’idu u ghamillu zewg farretti f’wiccu u ghajnejh. Huwa mbaghad ittiehed Mater Dei ghall-kura fejn gie operat f’ghajnejh. Borg spjega li wara l-operazzjoni l-kundizzjoni

[1] Rilaxxjat minn Dr. Jeffrey Bonnici li xehed fid-29 ta’ Settembru 2010.

t'ghajnejh ma baqghatx l-istess u jsofri minn hruq kbir il-hin kollu fiha u ma jarax sew. Ix-xhud inoltre qal li dakinhar tal-incident ma kellu ebda arma fuqu. Ix-xhud innega li l-arma li l-Pulizija sabu fic-cella li kien jokkupa precedentement fil-fatt kienet tieghu anki ghaliex huwa kien hareg minn dik ic-cella sabiex imur f'division iehor ferm qabel li nstabet is-sikkina.

Fl-udjenza tas-16 ta' Dicembru 2010 xehed Dr. Mario Scerri, l-espert mediku mahtur mill-Qorti sabiex jirrelata dwar in-natura tal-griehi sofferti minn Noel Borg li indika li wara li ezamina lil Borg u ra l-file mediku tieghu hareg li dan sofra griehi gravi f'wiccu kif ukoll f'ghajnejh liema feriti jidhru minn distanza (ara r-relazzjoni mmarkata bhala Dok MS1). Fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2012 rega' xehed Dr. Scerri li gie wkoll inkarigat sabiex jezamina il-medical file tal-imputat u jirrelata dwar il-kundizzjoni medika tieghu fejn qal li skond il-medical file tal-imputat saru CT scan u MRI li jindikaw li huwa kellu anacroid cyst. Gie esebita CD tas-CT scan u tal-MRI (dok MS 9). L-espert mediku spjega li anacroid cyst tista' taffetwa l-individwu pero jiddependi mill-pozizzjoni taghha fir-ras. Huwa qal li l-anacroid cyst generalment ma titnehhiex mill-mohh izda jekk tkun qieghda taghmel pressjoni fuq il-mohh jista' jkun hemm shift. Fil-kaz tal-imputat dan ma kienx il-kaz. Giet esebita rapport li jinsab a fol 152 (dok MS).

Fl-udjenza tat-30 ta' Settembru 2011 xehdu l-esperti mahtura mill-Qorti Dr. Peter Muscat, Dr. Anton Grech u Dr. John Mifsud fejn qalu li huma ezaminaw lill-imputat mill-aspett Psikjatriku. Huma kkonkludew li fil-mument tal-incident, huwa kien fi stat ta' biza u ansjeta izda dan l-istat ma fixkilx il-kapacita' tieghu li jkun jaf xi jkun qieghed jaghmel. Huma prezentaw relazzjoni kongunta li tinsab a fol 132 (dok PM 1). Fil-kontro-

ezami taghhom li sar fis-seduta tal-15 ta’ Dicembru 2011 qalu li huma ma kienux dahlu fl-aspett dwar jekk l-imputat kienx ibati minn anacroid cyst.

Fis-seduta tat-8 ta’ Novembru 2012 xehed in-newrologu Dr. Norbert Vella mahtur mill-Qorti li kkonferma r-rapport li huwa esebixxa fl-udjenza tal-11 t’ Ottubru 2012 li jinsab a fol 171 sa 183 tal-process. Huwa qal li l-anacroid cyst tinstab bejn l-ghadam tar-ras u t-tessuti tal-mohh. Huwa qal li normalment jekk ma tikbirx ma jsir ebda intervent fuqha u dan huwa xi haga rari. Huwa qal li sab rapport li huwa wkoll esebixxa ta’ studju minn studjuzi Portugizi li pruvaw juru li hemm konnessjoni ma’ din it-tip ta’ cesta u l-psikosi. Huwa zied jghid li l-prova hija wahda difficli minhabba li jistghu ikun hemm fatturi ohrajn li jaffetwaw. Huwa zied li fil-fatt din ic-cesta li kellu l-imputat ma ghamlet ebda kambjament fil-qies taghha u dan skont kif kien qieghed jidher mill-MRI tal-imputat. Huwa qal li r-relazzjoni bejn l-effett ta’ din ic-cesta fuq l-imgieba tal-persuna hija nieqsa minn din l-evidenza konkreta li tista’ taffetwa l-imgieba psikotika. Fil-kontro-ezami tieghu li sar fis-seduta tal-14 ta’ Marzu 2013 qal li studju li jigi pubblikat ghandu fattur importanti f’liema journal jigi pubblikat. Mill-istudju li gie kwotat u cioe’ l-kaz Portugiz, l-istess studjuzi jghidu li hemm dubju dwar l-istess studju taghhom. Huwa zied jghid li l-anacroid cysts jkunu l-aktar problematici u cioe’ li jaffetwaw l-agir tal-persuna jekk ikunu fuq in-naha tax-xellug. Fil-kaz tal-imputat din qieghda fuq in-naha tal-lemin. Fil-kaz tal-imputat din ic-cesta ma kibritx izda ma eskludiex ukoll il-fatt li l-anacroid cyst jista’ jkollha effett fuq il-personalita’ tal-persuna.

L-imputat ghazel li jixhed waqt l-udjenza tas-16 ta’ Mejju 2013 fejn qal li huwa kien jaf lil Noel Borg minhabba li kienu cella ma’ cella fil-Habs. Gara li dan Noel Borg beda jghid fuq persuna minhabba xi droga. Intant

l-imputat waqt li kien qieghed jitkellem ma' persuna ohra semmiet lil Noel Borg minhabba li kien qieghed jghid fuqu. Minhabba f'hekk kien inqala' argument bejn Noel Borg u persuna ohra. Minhabba dan kollu l-istess Noel Borg hadha kontrih tant li meta kienu gewwa l-bitha, gie fuqu u tah daqqa f'wiccu u hadu f'mohhu. Huwa qal li kien ra sikkina f'idejn Noel Borg dak il-hin tad-daqqa. Minn naha tieghu, l-imputat qal li kien offendih b'missieru li kien jaf li kien mejjet. Fil-fatt kienu hadulu ritratti tal-feriti li kellu f'wiccu u kienu firdu kemm lilu u lil Noel Borg minhabba li dan tal-ahhar kienu haduh f'Division ohra tal-Habs. L-imputat zied jghid li wara dan l-incident marret  persuna fuqu li qaltlu li Noel Borg kien ser ipattihielu u talbu jipprokuralu sikkina li mbaghad ma lahaqx ha mieghu meta bidlulu d-division.  L-imputat indika li dakinhar tal-incident kien bezghan ghaliex kien jaf li kien ser jiltaqa' ma' Noel borg u li dan kien ser jaghtih daqqa u ghalhekk huwa mar preparat. Huwa qal li kif kien hdejn l-MI room sab lil Noel Borg ma wiccu u kif dan refa' idejh huwa rribatta billi xejjer daqqa fid-direzzjoni tieghu u laqtu f'wiccu bil-konsegwenza li Noel Borg sofra griehi gravi.

L-imputat sostna li fil-fatt gimgha qabel Noel Borg kien tah daqqa ta' sikkina izda huwa ma kienx ghamel rapport ghaliex qalulu li ma kien hemm hadd l-Ghassa dak il-hin. Huwa qal li x-xafra li kellu f'idu fl-1 ta' Gunju 2010 u li biha laqat lil Borg kien gabha minhabba li hija normali li kullhadd ikun bi xfafar. L-imputat sostna li meta tah id-daqqiet f'wiccu ma qadtx jaghti kaz jekk Borg kellux xi haga f'idejh u kompla jghid li d-daqqa li tah kienet forma ta' self-defence minhabba li xi hadd kien qallu li Borg kien sejjer ipattihielu talli offendih b'missieru.

Meta xehed il-manager Mario Zahra fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2013 fejn qal li l-imputat fl-1 ta' Gunju 2010 kien tpogga gewwa division ohra fil-

habs. Id-decizjoni li huwa jitnizzel gewwa d-division 6 kien biex ma jkunx hemm kuntatt bejn l-imputat u persuna ohra. Ghalkemm il-prassi tad-division 6 hija li tintuza biex jitpoggew habsin minhabba xi kastig, jew minhabba decizjoni tal-Bord jew tad-Direttur izda fil-kaz tal-imputat ma kienx hemm ir-raguni ghala tnizzel fiha. Huwa esebixxa dokument MZ 1 li hija l-punishment sheet tal-imputat li tinsab a fol 215.

Fis-seduta tal-11 t'Ottubru 2013 xehed il-Maggur James Abela fejn qal li d-Division 6 tintuza bhala maximum security. Il-persuni li jitpoggew hemm ghandhom anqas privileggi minn haddiehor. Huwa qal li fil-fatt l-imputat tnizzel gewwa d-division 6 minhabba kastig. Huwa qal li kien id-Direttur li ordna li huwa jitnizzel fid-Division 6 u l-persuna jitnaqqas il-permess ghal vizti. Huwa kompla jghid li hija procedura li meta jkun hemm argument bejn zewg prigunieri li wara dawn jitnizzlu f'Division 6.

Fl-istess seduta xehed ukoll James Abela li ikkonferma li David Schembri kien ittiehed f'Division 6. Huwa qal li hemm board li jiddeciedi dwar min  imur f'Division Six. Huwa qal li l-kaz ta' David Schembri kien waqa' taht id-Direttur tal-Habs li wkoll seta' jiddeciedi li persuna tintbaghat f'din id-division.

Ikkunsidrat

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jirrizulta minghajr ombra ta' dubju li l-vittma Noel Borg sofra griehi ta' natura gravi bil-konsegwenzi ndikati fl-Artikolu 218 al-Kodici Kriminali. Mix-xhieda moghtija minn diversi tobba li kkuraw lil Noel Borg fil-fatt jirrizulta li huwa sofra griehi f'wiccu u f'ghajnejh. Dr. Susan Pirotta kkonfermat li hija kienet ezaminat lil Noel Borg u nhareg certifikat mediku (a fol. 22) fejn iddeskriviet il-griehi bhala gravi minhabba li Borg kellu

toqba fil-cornea tal-ghajn. Il-Qorti hatret ukoll lil Dr. Mario Scerri bhala espert mediku sabiex jezamina lil Noel Borg u jirrelata dwar in-natura tal-griehi minnu sofferti u mir-rapport tieghu jirrizulta li Noel Borg sofra griehi li hallew debilita' permanenti f'wiccu kif ukoll f'ghajnejh u l-Qorti ghalhekk m'ghandha l-ebda dubju li l-griehi sofferti minn Noel Borg bhala konsegwenza tal-incident li kellu mal-imputat fl-1 ta' Gunju 2010 hallew il-konsegwenzi ndikati fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.

Illi inoltre din il-Qorti l-anqas ma ghandha dubju li l-verzjoni tal-fatti kif rakkuntata minn Noel Borg tirrifletti l-verita' tal-fatti. Del resto l-imputat stess ex admissis jghid li wara l-argument li kellu ma Borg u wara li sar jaf lid an tal-ahhar ried ipattihielu fl-1 ta' Gunju 2010 huwa mar l-MI room bix-xafra fuq persuntu u preparat sabiex jaghti l-ewwel daqqa. Huwa kkonferma wkoll li xejjer daqqtejn fid-direzzjoni ta' Noel Borg u ferih. Il-Qorti setghat tikkonstata inoltre li mill-provi la rrizulta li Borg kien b' xi mod aggredixxa lill-imputat jew li altrimenti nstabet xi arma fuq persuntu fl-1 ta Gunju 2010. Kif ser jigi spjegat aktar l-isfel ghalhekk is-sottomissjoni tal-imputat li huwa irreagixxa ghal xi forma ta' provokazzjoni minn Borg jew altrimenti agixxa in legittima difesa ma treggix.

Il-Qorti tixtieq tirrileva ulterjorment li ghalkemm l-imputat indika li terza persuna kienet qaltlu li Borg ried ipattihielu wara l-ewwel incident li nqala' bejniethom huwa qatt ma indika min kienet din it-terza persuna jew altrimenti produciha bhala xhud. Dan il-fattur ikompli jikkonvinci lill-Qorti li kien l-imputat li ried ipattiha lil Borg u mhux vice versa. Illi din il-Qorti l-anqas ma tista' temmen li Noel Borg halla sikkina warajh fic-cella li kien juza gimgha qabel l-incident tal-1 ta' Gunju 2010 stante li mill-provi rrizulta li huwa kien tnehha minn dik id-Divizjoni.

Ikkunsidrat

Illi d-Difiza waqt it-trattazzjoni finali issottomettiet li l-agir ta-imputat huwa skuzabbli ai termini tal-Artikolu 227(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta minhabba dak li jipprovdi l-Artikolu 230 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-Artikolu 227 (a) jghid hekk:

> “L-omicidju volontarju hu skuzabbli -
>
> (a) jekk ikun provokat b’offiza gravi fuq il-persuna jew b’delitt iehor kontra l-persuna, meta dan id-delitt ikun suggett ghall-piena ta’ aktar minn sena prigunerija”

Illi kif indikat aktar il-fuq mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ma jirrizultax li qatt kien hemm forma ta’ provokazzjoni fil-parametri ta’ dak indikat fl-Artikolu appena citat da parti ta’ Noel Borg fil-konfronti tal-imputat fil-mument li dan tal-ahhar aggredixxa lil Borg. Noel Borg qal b’mod car li minghajr ma kien hemm provokazzjoni l-imputat qabad u tah id-daqqiet f’wiccu. Illi l-istess imputat qal li sar jaf li Noel Borg kien sejjer ipattihielu  u kien ghalhekk li huwa mar armat bi skop wiehed f’rasu li jaghti hu l-ewwel daqqa u jwegga’ lil Noel Borg. L-istess imputat ikkonferma li huwa fil-fatt lanqas biss ta kaz jekk Noel Borg kellux arma fuqu dak il-hin ghaliex huwa mill-ewwel tah daqqa.

Illi din il-Qorti trid taghmel test li ghandu jkun wiehed oggettiv sabiex tara jekk fil-fatt kienx hemm element ta’ provokazzjoni fil-mument li l-imputat aggredixxa lil Borg. Illi din l-oggettivita’ titlob li jkun hemm dawn il-fatturi u cioe’ (1) jekk l-imputat ikunx ghamel offiza volontarja fuq il-vittma u (2) jekk tali offiza saritx bhala reazzjoni (jigifieri hemmx verament in-ness immedjat ta’ kawza u effett) ghall-aggressjoni fuq il-vittma. Jekk l-offiza saret bhala reazzjoni ghall-aggressjoni, jrid jigi determinat (3) jekk saritx

offiza gravi fuq il-persuna tal-imputat jew delitt iehor kontra l-persuna suggett ghal piena ta' aktar minn sena prigunerija (artikolu 230 (a)).

Illi mill-fatti tal-kaz jidher b'mod car li ma kien hemm l-ebda provokazzjoni tant li l-istess imputat mar armat u b'intenzjoni wahda. Illi ghalhekk zgur ma jistax jinghad li kien hemm provokazzjoni min-naha ta' Noel Borg u dan tenut kont li din il-biza' ndikata mill-imputat kienet dovuta biss minhabba dak li allegatament qaltlu terza persuna u mhux minhabba xi agir da parti tal-vittma. Illi jidher li l-imputat holoq din is-sitwazzjoni biex ikun jista' jaghti x'jifhem li kien hemm biza li huwa kien qieghed jesperjenza minhabba dak li kien inqala gimgha qabel. Illi l-imputat talab li jigi esebit ritratt mehud dakinhar tal-incident mill-Maggur Vince Vassallo. Illi dan ir-ritratt jidher li hemm gerha fil-wicc izda ma ngiebet ebda prova tal-fatt kif waslet hemm fuq il-persuna. Huwa semma fl-istess stqarrija tieghu li ghamel mal-Pulizija li talab biex jiehdulu ritratt taghha. Ghandu jinghad li waqt it-tfittxija fuq il-persuna tal-imputat instabet xafra li intuzat kontra Noel Borg. Illi ghalhekk ma ngiebet ebda prova li fil-fatt dan Noel Borg kien ikkaguna din il-ferita fuq il-persuna tant li lanqas instabet xafra ohra fil-post ta' fejn saret l-aggressjoni tant iehor fuq il-persuna ta' Noel Borg.

Illi inoltre l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni maghmula mid-Difiza li l-provokazzjoni taht l-artikolu 230 (a) u 227 (a) m'ghadhiex tkun xi haga li grat dak il-hin stess. Illi f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 235 tal-kodici Kriminali liema artikolu jindika li dawn il-provokazzjonijiet jiswew lill-imputat **biss** meta jkunu saru fil-waqt tal-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza u cioe' li l-imputat irid ikun irreagixxa ghall- agressjoni li qed isirlu dak il-hin stess u cioe' irreagixxa ghal att estern specifiku. Illi ghalhekk l-imputat ma jistax jipprevalixxi

ruhu minn ebda wahda mill-iskuzanti minnu msemmija taht l-artikolu 230 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Id-Difiza fit-Trattazzjoni finali issollevat l-eccezzjoni tan ne bis in idem stante li tirritjeni li d-decizjoni tad-Direttur tal-Habs li l-imputat jintbaghat f'Division 6 wara l-incident li jifforma l-mertu ta' din il-kawza jammonta ghall-piena ghal dak l-incident u ghalhekk huwa m'ghandux jerga' jigi processat ghall-istess fatti. Illi saret referenza ghal sentenza kostituzzjonali moghtija fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Zammit et (deciza fl-10 ta' Jannar 2005) fejn f'dak il-kaz il-persuni akkuzati tresqu quddiem il-Bord ta' Dixxiplina u gew akkuzati taht ir-Regolamenti dwar il-Habs a differenza tal-kaz odjern fejn l-imputat ma tressaqx quddiem ebda Bord sabiex iwiegeb ghal xi akkuzi partikolari. In oltre l-istess persuni msemmija fil-kaz citat tresqu l-Qorti fejn gew akkuzati b'akkuzi simili ghal dawk li diga' kienu wiegbu ghalihom quddiem il-Bord ta' Dixxiplina. Il-Qorti Kostituzzjonali sabet li kien hemm ksur tad-drittijiet tal-Bniedem that l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni. Illi bran mehud mill-istess sentenza kwotata tghid:

> "Illi s-soluzzjoni tal-kwestjoni dwar (b) **jekk il-proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati kontra l-akkuzati jikkostitwux ksur tal-jedd taghhom tan-*ne bis in idem***, tiddependi mill-isfera ta' applikazzjoni tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll. Il-Qorti tidentifika dawn l-elementi biex jista' jinghad li tali jedd ikun inkiser: (i) tehid ta' proceduri **jew** l-ghoti ta' piena mill-gdid; (ii) fi procediment kriminali; (iii) ghal reat li dwaru tkun diga' nghatat decizjoni finali; (iv) fl-istess gurisdizzjoni; u (v) skond il-ligi u l-procedura ta' dak il-pajjiz. L-ghan ewlieni ta' dan l-artikolu huwa ghalhekk dak li jzomm milli ssir ripetizzjoni fl-

istess Stat ta' proceduri kriminali li jkunu ntemmu qabel b'decizjoni final;

"Illi ta' min izomm quddiem ghajnejh li l-kliem tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll jirreferi ghal process jew kastig "ghaldarbohra" ta' persuna ghal reat li dwaru tkun diga' giet kundannata jew mehlusa b'sentenza li tkun finali: l-artikolu ma jirreferix ghall-"istess reat". Jidher ghalhekk li l-mira ewlenija tal-imsemmi artikolu hija dik li persuna ma tigix processata izjed minn darba ghall-istess fatt u mhux biss li ma tigix kastigata izjed minn darba ghalih. Lanqas jidher li dak l-artikolu jaghmel distinzjoni dwar jekk il-procedimenti dwar persuna ghal reat ikunu ttiehdu quddiem l-istess qorti jew inkella jkunux saru quddiem tribunali differenti;

"Illi kemm hu hekk, gie mfisser ukoll li "*the question whether or not the non bis in idem principle is violated concerns the relationship between the two offences at issue and can, therefore, not depend on the order in which the respective proceedings* (jigifieri dak "amministrativ jew dixxiplinari" u dak "kriminali" quddiem il-Qorti) *are conducted*". Ghalhekk, "*while it is true that the mere fact that a single act constitutes more than one offence is not contrary to this Article, the Court must not limit itself to finding that an applicant was, on the basis of one act, tried and punished for nominally different offences. ... Thus, where different offences based on one act are prosecuted consecutively, one after the final decision of the other, the Court has to examine whether or not such offences have the same essential elements*";

"Illi minn dak li johrog minn dawn id-deliberazzjonijiet tal-Qorti Ewropeja wiehed jislet il-fehma li dak li huwa essenzjali ghad-determinazzjoni ta' jekk it-"tieni" prodediment jiksirx ir-regola tan-*ne bis in idem* hu jekk ir-reat li bih il-persuna tigi mixlija

jikkostitwix ghamil bl-istess elementi tar-reat li dwaru dik il-persuna kienet diga' nstabet hatja. Jekk l-elementi jirrizultaw l-istess jew jirkbu fuq xulxin, allura t-tendenza hija li jkun hemm ksur tal-principju tan-*ne bis in idem*. Min-naha l-ohra, jekk l-ghamil wiehed jaghti lok ghal izjed minn reat punibbli wiehed, it-tehid ta' izjed minn procedura wahda fil-gurisdizzjoni tal-istess Stat dwar kull reat ma jiksirx dik ir-regola;

"Illi x'hin il-Qorti tqieghed il-fatti li johorgu mill-kaz li ghandha quddiemha fid-dawl ta' dawn il-principji stabilit (ghalkemm ghadhom qeghdin jevolvu) mill-Qorti Ewropeja, ghandu jirrizulta li l-proceduri dixxiplinari mehudin kontra l-akkuzati jikkostitwixxu procediment kriminali dwar reat li dwaru l-akkuzati kienu diga' nstabu hatja. Dawk il-procedimenti kienu decizjoni finali u, fuq kollox, kienu moghtija skond il-ligi u l-proceduri preskritti.

Huwa minnu li kemm l-artikolu 152 tal-Kapitolu 9 u r-Regolament 88 tal-Avviz Legali 118 tal-1995 jindikaw li kull wahda mis-sanzjonijiet fir-rispettivi dispozizzjonijiet hija minghajr hsara ghaz-zewg procedimenti relattivi, imma dan ma jfissirx li t-tehid taz-zewg procedimenti b'daqshekk jghaddi mill-gharbiel tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll. Ghall-kuntrarju, fil-fehma ta' din il-Qorti, in kwantu l-akkuzi mressqin kontra l-akkuzati fil-proceduri issa pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati jinbnew fuq l-istess ghamil (il-harba mill-habs) u l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jikkostitwixxu identita' ta' elementi, dawn il-proceduri jidher li jmorru kontra l-principju tan-*ne bis in idem*. Il-Qorti qeghda taghmilha cara li fejn tressqu akkuzi kontra l-akkuzati li ma jaqghux fl-isfera tal-procedimenti diga' mehudin kontrihom jew fejn l-ghamil jikser xi dispozizzjoni ohra tal-ligi li ma taghmilx parti mill-istess reat, xejn m'ghandu jzomm lill-Qorti tal-Magistrati li tkompli bis-smigh tal-procedimenti mibdija skond l-Att tal-Akkuza;"

Illi minn dan il-bran johrog bic-car li sabiex jitqies li kien hemm lezjoni tad-drittijiet taht l-Artikolu 4 tas-Seba’ Protokoll tal-Konvenzjoni r-rabta li jrid ikun hemm huwa li l-persuna tkun tresqet quddiem Bord ta’ Dixxiplina sabiex twiegeb ghall-akkuzi simili bhal dawk li imbaghad tigi akkuzata bihom fil-Qorti. Illi mill-assjem tal-provi fil-kaz odjern irrizulta li l-imputat kien intbaghat f’Division 6 wara decizjoni amministrattiva mehuda mid-Direttur tal-Habs u mhux ghaliex deher quddiem Bord ta’ Dixxiplina mahluq skond il-Ligi. Illi jidher ukoll li huwa ma giex mressaq jew akkuzat b’xi reat partikolari quddiem ebda Board u ghalhekk ma jistax jigi ritenut li l-imputat diga’ gie processat ghall-istess fatti li jiffurmaw il-mertu tal-kawza odjerna.

Ikkunsidrat

Illi fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tal-24 ta’ Gunju 2011 l-Avukat Generali dehrlu li tista’ tinstab htija fil-konfront tal-imputat talli kkaguna griehi ta’ natura gravi taht l-artikoli 214, 215, 217 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-Avukat Generali dehrlu wkoll li tista’ tinstab htija taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 252 (1), l-Artikoli 18, 338 (bb), 338 (ff) tal-Kap tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 338 (dd), 339(d), 339(b), 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-artikolu 13 (1) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 383 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 17, 30, 31 u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

<u>Griehi Gravi fuq il-Persuna ta’ Noel Borg.</u>

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jirrizulta minghajr ombra ta’ dubju li l-griehi kagunati lil Noel Borg kienu

ta’ natura gravi u bil-konsegwenzi ndikati fl-Artikoli 214, 215, 217 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll li dawn il-griehi gew kagunati mill-imputat David Norbert Schembri. Dan jirrizulta mhux biss mix-xhieda ta’ Noel Borg izda anki minn dak li qal l-istess imputat fejn huwa ammetta f’dawn il-proceduri li ta’ zewg daqqiet lil Borg bix-xafra f’idu li skond hu kienu sabiex jiddefendi lilu nnifsu. Isegwi ghalhekk li l-imputat ghandu jinstab hati li tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat

Illi t-tielet (3) imputazzjoni wkoll tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill- ligi stante li mix-xhieda tal-Ispettur Spiridione Zammit jirrizulta li l-imputat ma kellux licenzji mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija ghal zamm ta’ sikkina ta’ kull xorta li tkun b’xafra, arma bil-ponta jew strument iehor bil-ponta. Illi il-hames (5), is-sitt (6) u s-seba’ (7) imputazzjoni wkoll jirrizultaw pruvati fil-konfronti tal-imputat kemm mix-xhieda ta’ Noel Borg kif ukoll minn dak li qal l-istess imputat. Il-Qorti jidrilha li r-raba’ (4) u t-tmien (8) imputazzjoni ma jirrizultawx pruvati sal-grad rikjest mill-ligi fil-konfronti tal-imputat.

L-imputat David Norbert Schembri jinsab ukoll akkuzat bl-addebitu tar-recidiva. F’dan ir-rigward il-Prosekuzzjoni esebiet zewg sentenzi tal-10 ta’ Marzu 2000 u tad-9 ta’ Mejju 2008 fejn f’din tal-ahhar hemm indikati l-konnotati tal-imputat li ma jhallu l-ebda dubju li dik is-sentenza inghatat fil-konfront tal-imputat fil-kawza odjerna. L-imputat ghalhekk ser jitqies li huwa recidiv taht l-Artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat huwa recidiv kif ukoll il-fatt li huwa kkommetta r-reati li taghhom qed jinstab hati waqt li

huwa kien prigunier u ghalhekk applikat l-Artikolu 33A tal-Kodici Kriminali fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-24 ta' Gunju 2011 u senjatament l-Artikoli 214, 215, 217, 218, 338(dd), 339(d), 339(b), 49, 50, 17 ,30, 31 u 33A tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 13(1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-hames (5), tas-sitt (6), u tas-seba' (7) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva u tikkundannah seba' (7) snin prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tar-raba' (4) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputat b' obbligazzjoni personali ghal zmien tnax (12) il-xahar millum taht penali ta' hames mitt Ewro (€500) milli jimmolesta jew jivvessa lil Noel Borg.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------